# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum Il-Ħamis, 26 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru: 4/1996 PC**
**a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 fl-ismijiet:**

**Gino u Elisabeth konjuġi Camilleri**

**vs**

**Main Gate Company Limited;**
**Konrad u Nathalie konjuġi Scicluna; u**
**George Borg**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti konjuġi Camilleri, wara li ppremettew:

Illi l-esponenti huma azzjonisiti fil-kumpanija "Main Gate Company Limited" billi jippossjedu ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-ishma ċioe' elf, seba' mija ħamsin (1,750) minn total ta' ħamest elef (5,000) sehem;

Illi l-esponeneti Elisabeth Camilleri hija wkoll waħda miż-żewġ diretturi fl-istess soċjeta';

Illi din il-kumpanija twaqqfet u għandha bħala negozju ewlieni tagħha l-ġestjoni tal-ħanut numru tlieta u erbgħin (43) ta' Triq Putirjal, Victoria, Għawdex;

Illi minn xi xhur lil hawn inqalgħa diżgwid bejn ir-rikorrenti u l-azzjonisti l-oħra, partikolarment minħabba diversi allegazzjonijiet li bdew joħolqu l-intimati fil-

konfront tar-rikorrenti, tant li l-esponenti ġew kostretti jitilqu id-*day to day running* tan-negozju msemmi;

Illi inoltre l-esponenti qiegħdin jinżammu fid-dlam dwar l-ammisnistrazzjoni tal-kumpanija u dwar diversi operazzjonijiet li qegħdin isiru mill-intimati fosthom it-tentattiv tagħhom li jbiegħu l-fond fi Triq Putirjal li huwa l-unika assi mmobbiljari tal-istess kumpanija u l-post mnejn jiġi operat in-negozju tagħha;

Illi inoltre biex ikomplu ixejnu għal kollox il-possibilita' ta' xi kontroll da parti tar-rikorrenti, l-intimati issa sejħu laqgħa ġenerali straordinarja bil-għan li l-esponenti Elisabeth Camilleri titneħħa minn direttur u anki sabiex issir sejħa għal shares ġodda sabiex tiġi minimizzata l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti;

Illi fil-frattemp l-esponenti għandhom tagħrif li l-intimati żiedu eċċessivament id-djun tal-kumpanija;

Illi dan kollu qiegħed ikun ta' preġudizzju dejjem iktar gravi għall-esponenti li qegħdin jiġu mċaħħda mill-parteċipazzjoni illi tixraq fil-ġestjoni tal-kumpanija u fil-profitti;

Illi dan il-mod kif qiegħda titmexxa l-kumpanija huwa opressiv u diskriminatorju kontra l-esponenti u ta' preġudizzju għalihom a tenur tal-artikolu 402 tal-Att XXV.1995.

Talbu li din il-Qorti jogħġobha a tenur tal-artikolu 402 tal-Att XXV tal-1995:

a. Tirregola t-tmexxija futura tal-affarijiet tal-kumpanija;

b. Tirrestrinġi u tipprojbixxi lill-intimati milli jkomplu jeżerċitaw in-negozju tal-kumpanija għajr taħt il-kontroll strett u a tenur ma direzzjonijiet ta' din l-istess Qorti;

c. Jekk jirriżulta opportun tordna x-xoljiment tal-kumpanija u tipprovdi għall-istralċ konsegwenzjali tagħha;

d. Tipprovid għall-ħlas ta' kumpens mill-intimati lill-esponenti tad-danni u tlef kollu li l-esponenti ġarrbu u għadhom iġarrbu minħabba n-nuqqasijiet u difetti da parti tal-intimati fit-tmexxija tal-kumpanija;

e. Tagħti kull rimedju ieħor li fiċ-ċirkostanzi jirriżulta opportun sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet tar-rikorrenti.

Rat ir-Risposta tal-intimati kollha li wieġbu:

1. Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-esponenti jagħmlu xi kummenti dwar l-esposizzjoni tal-fatti da parti tar-rikorrenti;

   a. Għalkemm, ir-rikorrenti huma azzjonisti fil-kumpanija "Main Gate Co. Ltd.", is-share certificate relattiv għal dawn l-azzjonijiet għadu ma ġiex rilaxxjat lilhom, peress illi l-ammont neċessarju għas-sottoskrizzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għadu ma tħallasx mir-rikorrenti;

   b. Elisabeth Camilleri hija waħda mid-Diretturi tal-Kumpanija, iżda din qatt ma kienet tattendi għal-laqgħat tal-Bord minkejja li tkun regolarment avżata. Infatti waħda mir-raġunijiet il-għala din għandha titneħħa huwa proprju l-artikolu V(d) tal-Articles of Association ilil jgħid:

      > "If a director shall be absent for meetings of the directors for six months, the directors ***shall*** resolve that his/her office be vacated";

   c. Huwa veru illi inqala' diżgwid bejn l-azzjonijiet iżda ir-raġuni wara li kienet il-frodi adoperata minn Gino Camilleri għad-dannu tas-soċjeta' u l-azzjonisti l-oħra. Ir-rikorrenti abbandunaw il-ġestjoni tal-kumpanij qabel ma l-esponenti kellhom provi ċari dwar din il-frodi. Ta' min isemmi wkoll illi l-intimati kienu prudenti biżżejjed illi b'din il-frodi ma jgħarrfu lil ħadd ħlief missier Gino Camilleri u hu Elisabeth Camilleri. Ma għamlux, kif kellhom kull dritt jagħmlu, rapport mal-Pulizija Eżekuttiva sabiex din tieħu il-passi meħtieġa quddiem il-Qorti Kriminali – għalkemm ta' min isemmi wkoll illi din it-triq sal-lum għadha miftuħa lill-esponenti kieku dawn iridu jimxuha.

   d. Assolutament mhux veru illi r-rikorrenti inżammu fid-dlam dwar it-tmexxija tal-kumpanija. Qatt ma kien il-każ illi dawn talbu xi informazzjoni u ġew imċaħħda minna. Anzi għall-kuntrarju, meta l-esponenti talbu illi tinżamm laqgħa tal-Bord tad-Diretturi u Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex fost affarijiet oħra jingħata rendikont tat-tmexxija tal-kumpanija kemm qabel kif ukoll wara li r-rikorrenti abbandunaw il-ġestjoni tagħha, l-istess rikorrenti pproċedew b'mandat ta' inibizzjoni sabiex tali laqgħat ma jsirux! Forsi r-raġuni wara din il-mossa kienet illi Gino Camilleri ma jridx jagħti rendikont tad-djun u transazzjonijiet magħmula minnu f'isem il-kumpanija;

   e. Lanqas huwa veru illi l-esponenti pruvaw jew għandhom xi intenzjoni illi jbigħu l-fon f'Main Gate Street, Victoria. Għall-kuntrarju kien Gino Camilleri illi għamel tentattivi simili, anke xhur qabel ma huwa abbanduna

l-ġestjoni tal-kumpanija. Ukoll, din għadha sal-lum l-intenzjoni tal-istess Gino Camilleri ilil qiegħed jitlob – permezz ta' dan l-istess rikors – ix-xoljiment u stralċ tal-kumpanija bil-konsegwenzjali likwidazzjoni tal-assi tag]ha. Dan kollu jista' jiġi pruvat permezz ta' diversi persuni illi semgħu bl-intenzjoni ta' Camilleri illi jinbiegħ dan il-fond, u avviċinaw lill-esponenti George Borg dwar dan;

f. Fost il-konsegwenzi ta' dan l-aġir ta' Gino Camilleri kien hemm dik illi wħud mis-*suppliers* tal-kumpanija ma riedux ikomplu jissupplixxuha kemm-il darba ma jiħallsux il-kontijiet pendenti, kontijiet illi del resto ġew inkorsi fi żmien il-ġestjoni da parti tar-rikorrenti;

g. Il-ħtieġa ta' *shareholders advances*, jew ta' azzjonijiet ġodda inħasset minħabba insistenza tal-kredituri tal-kumpanija għall-ħlas tal-ammont dovut lilhom. Fost dawn kien hemm id-ditta "C. Camilleri & Sons Limited" ilil tagħha l-kumpanija hija d-distributura ġewwa Għawdex: il-prinċipal kien avża lill-kumpanija illi sejjer jxolji l-ftehim ta' bejn il-partijiet b'effett mit-28 ta' April 1996 minħabba kontijiet pendenti ta' aktar minn Lm15,000. Din l-insistenza ġiet aggravat minħabba illi Gino Camilleri bagħat ittra, lill-Manager tal-Bank of Valletta Limited fejn avżah sabiex iwaqqaf l-overdraft facilities li l-kumpanija tgawdi mingħand l-istess bank. Sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tal-kumpanija, l-azzjonisti l-oħra kellhom jaċċettaw illi jagħmlu huma tajjeb għan-nuqqas ta' Gino Camilleri. Ma' dan kollu wieħed irid iżid il-fatt illi sal-aħħar tas-sena korrenti, il-kumpanija għandha tħallas Lm10,500 oħra mid-debiti inkorsi fi żmien Gino Camilleri, u kontro senjat minnu;

h. Mhux veru illi bil-ħarġa ta' azzjonijiet ġodda, il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti sejra tiġi minimizzata, għaliex dawn l-azzjonijiet għandhom jingħataw lill-azzjonisti eżistenti **a proporzjon tas-*shares* eżistenti tagħhom**.

i. Pero' l-aktar ċajta goffa tar-rikorrenti hija l-akkuża illi l-esponenti żiedu d-djun tal-kumpanija eċċessivament. Kemm dan mhux veru jirriżulta mir-rendikont illi qiegħed jiġi anness am din ir-risposta, u illi juri l-ammont ta' debiti inkorsi fi żmien Gino Camilleri ili tħallas matul il-ġestjoni ferm aktar għaqlija da parti tal-esponenti – ammont illi jissupera l-Lm24,000. Dan kollu minkejja t-tentattivi ta' Gino Camilleri illi joħnoq għal kollox il-cash flow tal-kumpanija;

2. Illi fit-tieni lok, apparti l-eżattezza o meno tal-fatti u allegazzjonijiet dedotti mir-rikorrenti, dawn ma għandhom ebda dritt fil-liġi illi jipprojbixxu lill-esponenti milli jeżerċitaw in-negozju tal-kumpanija. Altrimenti, din il-Qorti

tkun qiegħda biss sservi ta' għodda f'idejn bniedem illi jrid iwaqqa jew jaħrab obbligazzjoni regolarment assunta minnu (l-obbligi naxxenti mill-Memorandum u Articles of Association) mingħajr ma tkun teżisti ebda raġuni valida fil-liġi għax-xoljiment ta' tali kuntratt. Ikun jagħti il-każ ukoll ilil din l-Onorabbli Qorti tkun qiegħda sservi ta' għodda għal dittatorjat tal-minoranza kontra l-maġġoranza illi tkun qiegħda – minkejja l-ostakoli kollha maħluqa mill-kontro parti – tipprova tħares l-interessi tagħha u tal-kumpanija mir-raġġiri u frodi tal-kontro parti;

Jekk ir-rikorrenti jridu jkollhom kontroll fuq l-operat tal-kumpanija, kull ma għandhom jagħmlu huwa illi jwettqu l-obbligi tagħhom in bona fede a tenur tal-Memorandum u Articles of Association tal-kumpanija, jirrifondu l-ammont frodat minnhom a danna tal-kumpanija, u joħorġu l-kapital neċessarju sabiex il-kumpanija tkun tista' timxi il-quddiem. Ma jistgħux pero', u ma għandhom ebda jagħmlu dan skont il-liġi, illi fl-istess nif jaħarbu l-konsegwenzi u obbligazzjonijiet naxxenti mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-kumpanija, u jwaqqfu lill-istess kumpanija milli tkompli tinnegozja bl-iskuża illi huma ma għandhomx kontroll fuq il-ġestjoni!

3. Fit-tielet lok, it-tielet u l-ħames talba tar-rikorrenti kif attwalment formulata ama tista' qatt tiġi akkolta minn din il-Qorti. Dan għaliex ma hux mogħti d-dritt skont is-sistema ġuridika tagħna, lill-parti f'ġudizzju illi titlob dawk ir-rimedji illi l-Qorti jidhrilha "opportuni" ilil tagħti. Dan ir-rimedju eċċezzjonali huwa permess biss f'kawżi kostituzzjonali u f'ebda proċedura oħra;

4. Fl-aħħarnett, ir-raba talba hija infondata għaliex jekk xejn, huma r-rikorrenti ilil għandhom jirriżarċixxu d-danni sofferti sia mill-kumpanija kif ukoll mill-azzjonisti l-oħra minħabba l-frodi u traskuraġni adoperati minnhom fil-ġestjoni tan-negozju tal-kumpanija. Dan apparti konsiderazzjonijiet dwar jekk talba simili hijiex permessibbli fil-proċeduri speċjali taħt l-artikolu 402 tal-Att XXV.1995 – konsiderazzjonijiet illi l-esponenti jirriżervaw illi jidħlu fihom fi stadju opportun.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2000 fejn ordnat l-istralċ tal-kumpanija Main Gate Company Limited, għar-rġgunijiet indikati fl-istess digriet, u innominat lill-accounant Joseph Cordina bħala stralċjarju.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Novembru 2006, fejn wara li diversi strlċjarji oħra li kienu ġew nominati in sostituzzjoni tas-sur Cordina ma kienx aċċetta l-inkarigu mogħti lilu, huma wkoll kienu rifjutaw, innominat lill-accountant Malcolm Meilak fl-istess inkarigu.

Rat ir-rapport tal-istralċjarju Malcolm Meilak ippresentat fis-17 ta' Frar 2015 u minnu maħluf fid-9 ta' April 2015.

Semgħet ix-xhieda in eskussjoni tal-istess stralċjarju.

Rat id-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda l-oħra prodotti.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Ġunju 2017 fejn ħalliet ir-Rikors għal-lum għad-deċiżjoni dwar il-korettezza tar-rapport tal-istralċjarju.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar l-istess rapport.

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-Rikors beda bħala wieħed taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 sabiex jingħataw ir-rimedji meħtieġa fuq talba ta' żewġ azzjonisti tal-kumpanija.

Illi fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors, inbiegħu l-assi sew immobiljarji (konsistenti unikament mill-fond adibit bħala l-ħanut minn fejn kienet teżerċita n-negozju tagħha din il-kumpanija) u l-assi mobbli eżistenti fl-istess ħanut.

Wara li ngħata d-digriet imsemmi tal-5 ta' Mejju 2000, l-unika ħaġa li kien baqa' kien li jiġu stabiliti l-assi u d-djun tal-kumpanija sabiex din tiġi finalment likwidata, u l-assi rimanenti, jekk ikun il-każ, jiġu distribwiti lill-azzjonisti skont l-ishma rispettivi tagħhom fl-istess kumpanija.

Illi fir-rapport[1] tiegħu l-istralċjaju kkonkluda li, wara li nbiegħu l-assi tal-kumpanija u tħallsu diversi djun li kien hemm, skont ma ġie ndikat fl-istess rapport, l-azzjonisti kien għad fadlilhom jagħtu lill-kumpanija s-segwenti ammonti rispettivament:

(i) Il-konjuġi Konrad u Nathalie Scicluna: €23,937;

(ii) Il-konjuġi Gino u Elizabeth Camilleri: €27,892; u

(iii) Il-konjuġi George u Miriam Borg: €88,111.

Il-konjuġi Borg qegħdin jikkontestaw il-korrettezza ta' dan ir-rapport u għalhekk kienet tenħtieġ din id-deċiżjoni. Jidher li l-kontestazzjoni tal-konjuġi Borg tirrigwarda x'sar mid-depożitu li kien tħallas dakinhar tal-konvenju dwar il-bejgħ tal-ħanut proprjeta' tal-kumpanija, u l-ħlas ta' *loans* personali li sar mill-azzjonisti l-oħra lill-APS Bank fl-okkażzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-istess ħanut.

[1] Ara rapport a fol.187 – 197 tal-process, u d-dokumenti miegħu annessi a fol.199 - 482

A. Id-depożitu imħallas fuq il-konvenju:

Dan jirriżulta li kien ta' ħdax-il elf lira maltija (10% tal-prezz, kif normalment isir). Jirriżulta mir-rendikont esebit minn George Borg stess, li dan id-depożitu spiċċa f'idejh u minnu għamel il-ħlasijiet indikati fl-istess rendikont.[2] Dan kollu ħa konjizzjoni tiegħu l-istralċjarju u jinsab rifless fi-rapport tiegħu fejn jelenka x'ħareġ jew daħħal George Borg.[3]

B. Il-ħlas tas-self personali li kellhom l-azzjonisti l-oħra mal-APS Bank.

Jirriżulta, mhux kontestat minn ħadd mill-partijiet, li dawn irċevew fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-ħanut l-ammont ta: Lm9243.76 u Lm10679.71 rispettivament, u dan skont ftehim milħuq bejn il-partijiet kollha dakinhar stess li sar il-kuntratt ta' bejgħ.[4] Ġie konfemat, mir-rappreżentanta ta' dan il-Bank, illi dakinhar stess tal-kuntratt, dawn l-azzjonisti, u ċioe' Konrad Scicluna u Gino Camilleri, għamlu pagamenti fil-*loan accounts* rispettivi tagħhom mal-istess Bank ta' ammonti bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal dawn l-ammonti.[5] Huwa minnu illi dawn il-pagamenti saru mill-fondi li proprjament kienu jispettaw lill-kumpanija u mhux lilhom personalment, kif qed jallega George Borg. Imma dan sar għax dakinhar tal-kuntratt, il-partijiet, kif ġia ngħad, kienu ftehmu li r-rikavat mill-bejgħ kellu jiġi spartit bejniethom kif indikat fl-iskrittura msemmija.[6]

Madankollu, billi l-istralċjarju korrettement ha konjizzjoni ta' dan kollu meta ġie biex jirrediġi l-istatements of Account ta' dawn l-azzjonisti,[7] u lanqas seta' jirriżulta li dawn il-pagamenti lill-Bank saru minn xi fondi oħra tal-kumpanija, billi, kif ingħad, dawn tqassmu kollha lill-azzjonisti dakinhar tal-kuntratt, inkluż ukoll għalhekk lil George Borg, li ħa l-parti l-kbira tar-rikavat, din l-allegazzjoni hija għal kollox bla ebda bażi.

Għaldaqstant tiddikjara li r-rapport tal-istralċjarju Malcolm Meilak tas-17 ta' Frar 2015 jindika korrettement il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija sa dakinhar. Jonqos għalhelk sabiex tiġi kompletata din il-likwidazzjoni, li jittieħdu l-passi ndikdati mill-istralċjarju fl-aħħar parti tar-rapport tiegħu,[8] inkluż li jiġu rifużi mill-azzjonisti lill-kumpanija l-ammonti msemmija hawn fuq, kif stabiliti fl-istess rapport.[9] Fil-ħlas li għad baqa' tad-djun tal-kumpanija l-istralċjarju irid jinkudi l-ispejjeż tar-rapport li sar minnu, u li tħallas proviżorjament mir-rikorrenti

---

[2] Ara document a fol.456
[3] Ara rapport a fol. 196 – 196 tal-process
[4] Ara kopja ta' dan il-ftehim datat id-19 ta' Dicembru 1997, esebit bhala Dok.G a fol. 46 recto u verso tal-process
[5] Ara xhieda ta' Ruth Grech a fol.527 - 531
[6] Ara skitura tad-19.12.1997
[77] Ara dawn l-istatments a fol. 193, 194
[8] A fol.197 tal-process
[9] ibid.

Camilleri, u d-dritt ulterjuri dovut lilu għax-xogħol li għad baqa' sakemm finalment jiġu distribwiti l-assi rimanenti tal-kumpanija, skont l-ishma rispettivi tal-azzjonisti.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni, fejn irriżulta li l-kontestazzjoni tar-rapport tal-istralċjarju, li saret minn George Borg kienet għal kollox infondata, għandhom ikunu a karigu tiegħu.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

26.10.2017 – Sup4.1996 – Camilleri Gino et vs Main Gate Company Limited et
2084